

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrenti: A-PACK CZ s.r.o.

Konvenuta: Odvolací finanční ředitelství

**Dispożittiv**

L-Artikolu 90 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li ttiprovdi li l-persuna taxxabbli ma tistax tirrettifika l-valur taxxabbli għall-VAT, f'każ ta' nuqqas ta' ħlas totali jew parzjali, mid-debitur tagħha, ta' somma dovuta abbażi ta' tranżazzjoni suġġetta għal din it-taxxa, jekk l-imsemmi debitur ma jkunx għadu suġġett għall-VAT.

(<sup>1</sup>) ĠU C 152, 30.4.2018

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) tat-8 ta' Mejju 2019 (talba għal deċiżjoni preliminari tat-Tribunal Superior de Justicia de Castilla y León — Spanja) — Violeta Villar Láiz vs Instituto Nacional de la Seguridad Social (INSS), Tesorería General de la Seguridad Social (TGSS)**

(Kawża C-161/18) (<sup>1</sup>)

**(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Ugwaljanza fit-trattament bejn irġiel u nisa fil-qasam tas-sigurtà soċjali — Direttiva 79/7/KEE — Artikolu 4 — Projbizzjoni ta' kwalunkwe diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess — Diskriminazzjoni indiretta — Xogħol part-time — Kalkolu tal-pensjoni tal-irtirar)**

(2019/C 230/15)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

**Qorti tar-rinviju**

Tribunal Superior de Justicia de Castilla y León

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrenti: Violeta Villar Láiz

Konvenuti: Instituto Nacional de la Seguridad Social (INSS), Tesorería General de la Seguridad Social (TGSS)

**Dispożittiv**

L-Artikolu 4(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 79/7 tad-19 ta' Diċembru 1978 dwar l-implimentazzjoni progressiva tal-prinċipju tat-trattament ugwali ta' l-irġiel u n-nisa fi kwistjonijiet ta' sigurtà soċjali għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni ta' Stat Membru, skont liema l-ammont tal-pensjoni ta' rtirar ta' tip kontributtiv ta' ħaddiem part-time huwa kkalkolat billi jiġi mmultiplikat ammont bażiku, stabbilit minn remunerazzjonijiet effettivament miġbura u kontribuzzjonijiet effettivament imħallsa, b'perċentwali li tirrifletti t-tul tal-perijodu ta' kontribuzzjoni, fejn dan il-perijodu huwa assenjat minn koeffiċjent ta' tnaqqis ugwali mar-rapport bejn iż-żmien ta' xogħol part-time effettivament imwettaq u ż-żmien ta' xogħol imwettaq minn ħaddiem part-time paragonabbli biż-żieda tal-applikazzjoni ta' koeffiċjent ta' 1.5 sa fejn l-imsemmija leġiżlazzjoni tpoġġi fi żvantaġġ b'mod partikolari lill-ħaddiema nisa meta mqabbla mal-ħaddiema rġiel.

---

(<sup>1</sup>) ĠU C 190, 4.6.2018

---

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Id-Disa' Awla) tat-8 ta' Mejju 2019 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Vrhovno sodišče Republike Slovenije — is-Slovenja) — Jadran Dodič vs Banka Koper, Alta Invest**

(Kawża C-194/18) (<sup>1</sup>)

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Politika soċjali — Trasferiment ta' impriżi — Direttiva 2001/23/KE — Artikolu 1(1) — Kamp ta' applikazzjoni — Kriterji ta' evalwazzjoni tat-trasferiment — Trasferiment ta' klijentela — Trasferiment tas-servizzi finanzjarji kollha ta' bank lil kumpannija ta' senserija finanzjarja bl-esklużjoni tat-trasferiment tal-persunal)

(2019/C 230/16)

Lingwa tal-kawża: is-Sloven

**Qorti tar-rinviju**

Vrhovno sodišče Republike Slovenije

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrent: Jadran Dodič

Konvenuti: Banka Koper, Alta Invest

**Dispożittiv**

L-Artikolu 1(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 2001/23/KE tat-12 ta' Marzu 2001 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri relatati mas-salvagwardja tad-drittijiet ta' l-impjegati fil-każ ta' trasferiment ta' impriżi, negozji jew partijiet ta' impriżi jew negozji, għandu jiġi interpretat fis-sens li l-kisba, mit-tieni impriża, tal-istrumenti finanzjarji u tal-attivi l-oħra ta' klijenti tal-ewwel impriża, sussegwentement għall-waqfien ta' attività tagħha, bis-saħħa ta' kuntratt li l-konklużjoni tiegħu hija imposta mil-leġiżlazzjoni nazzjonali, anki meta l-klijenti tal-ewwel impriża jibqgħu ħielsa li ma jafdawx l-immaniġġar tat-titoli finanzjarji tagħhom lit-tieni impriża, tista' tikkostitwixxi trasferiment ta' impriża jew ta' parti minn impriża meta l-eżistenza ta' trasferiment ta' klijentela tkun stabbilita, fatt li għandu jiġi vverifikat mill-qorti tar-rinviju. F'dan il-kuntest, in-numru kbir ħafna ta' klijenti attwalment ittrasferiti ma huwiex, waħdu, deċiżiv fir-rigward tal-klassifikazzjoni bħala "trasferiment" u l-fatt li l-ewwel impriża tikkollabora, bħala kumpannija ta' senserija finanzjarja mhux indipendenti, mat-tieni impriża, bħala prinċipju, huwa irrilevanti.

---

(<sup>1</sup>) ĠU C 190, 4.6.2018.